# Il-Festa ta' Dari

## Il-festa ta' San Publju mitt sena ilu

**- Mis-Sur Frans Said -**

Nista' ngħid li kważi ma baqa' ħadd li jiftakar kif kienet tkun iċċelebrata l-festa ta' San Publju sa qabel l-aħħar gwerra, jiġifieri sal-1940. Bħalma hija l-użanza anki f'dawn iż-żminijiet, il-festa pubblika kienet ukoll tkun iċċelebrata ħmistax fuq l-Għid il-Kbir. Imma kien hemm xi differenzi li llum ftit li xejn wieħed jaħseb dwarhom.

### IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET INTERNI

Fil-perjodu li nitkellem dwaru, il-Liturġija kienet għadha skont ir-rit Latin, ta' qabel it-tibdiliet introdotti mill-Konċilju Vatikan II. Dan kien ifisser li l-quddies kien isir biss filgħodu. B'hekk iċ-ċelebrazzjoni tat-Tridum kienet issir f'żewġ fażijiet. Filgħodu, il-quddiesa tat-9am, kienet tkun solenni, konċelebrata minn tliet saċerdoti. Għaliex dari, il-quddies solenni, jew kif kienet jissejjaħ, kantata, kienet tinvolvi liċ-ċelebrant ewlieni, lid-djaknu u lis-sudjaknu. Tali quddiesa llum spiċċat għal kollox.



Fit-tlett ijiem tat-Tridum u lejlet il-festa, iċ-ċelebrazzjoni kienet tkompli filgħaxija. Għall-ħabta tas-6pm kien jibda l-Għasar solenni, segwit mill-prietka tat-Tridum u ċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika li fiha kienet tingħata l-Barka Sagramentali. Il-kant tal-festa kien kollu bħalma għadu jseħħ sal-lum. Il-knisja kienet tkun mimlija bħal bajda.

Is-Sibt, lejlet il-festa kienet issir it-Transulazzjoni tar-relikwa, mhux mill-oratorju, imma minn xi altar tal-ġenb. Il-gallarija tal-orkestra kien fiha wkoll orgni sabiħ li kien ġarrab ħsarat kbar fil-gwerra. Għalkemm dak kien issewwa u baqa' jintuża anki meta l-Knisja kienet inbniet mill-ġdid, eventwalment kellu jiżżarma. Ħasra li sparixxa għal kollox għaliex orgnijiet oħrajn ġew restawrati waqt li tal-Furjana spiċċa għal dejjem.

Il-Ħadd, jum il-festa, kollox kien isir kważi bħalma jseħħ fiż-żminijiet moderni.

### IL-FESTI ESTERNI

Uħud mill-armar tat-toroq hu ferm antik u kien diġà jintuża, anki xi mitt sena ilu. Il-pavaljuni tat-toroq ftit li xejn kien hemm, imma l-bandalori kienu jżejnu ż-żewg toroq ewlenija, jiġifieri Triq San Tumas u Triq il-Miratur. Sa qabel il-gwerra, il-vaska tal-iljun kienet f'nofs Pjazza Sant' Anna. Quddiem il-vaska kien jintrema l-planċier tal-banda, li issa jkun armat quddiem il-knisja. Il-Ġimgħa u s-Sibt filgħaxija kienu jinżammu kunċerti



b'kantanti magħrufa, fosthom il-Furjaniż John Lopez, tenur ta' fama kbira. Naturalment Triq Sant'Anna kienet tkun magħluqa għat-traffiku, imma wara kollox, l-ammont ta' vetturi kien ferm u ferm anqas milli huwa llum.

Aspett ieħor differenti kien l-Ark Trijonfali li issa qiegħed ikun armat f'tarf Triq San Tumas (wara l-knisja). Imma oriġinarjament dak l-Ark kien ikun armat f'tarf Triq il-Miratur, kantuniera ma' Triq l-Imħażen. Jekk wieħed iħares sewwa lejn il-kantuniera ta' taħt ir-rukkella, għadu jista' jara l-ganċijiet u l-ħoloq li magħhom kien ikun marbut l-Ark. Dawn għadhom jidhru naħa waħda biss għaliex il-kantuniera l-oħra kienet inqerdet mill-bombi tal-għadu.



L-Ark kien il-post minn fejn jibda l-briju tal-purċissjoni. Sakemm il-vara ta' San Publju kienet tasal taħt l-Ark, il-purċissjoni kienet timxi b'mod devot u organizzata. Imma malli l-vara kienet iddur għal Triq il-Miratur, din kienet tieqaf taħt l-Ark u tibqa' wieqfa sakemm il-purċissjoni kienet tkompli u tidħol fil-knisja. Imbagħad il-medda tat-triq bejn Triq l-Imħażen u Triq il-Kapuċċini kienet titbattal mill-folol u numru sabiħ ta' rġiel u żgħażagħ kienu joqogħdu bi dritt xulxin, serbut fuq kull naħa, bit-triq vojta fin-nofs, u ma' sinjal, kulħadd jixgħel gassijiet ħomor.

B'għajta waħda l-folla kienet tkanta:

*"Evviva San Pupulju, evviva dak ix-xiħ, avolja daqxejn ħotbi, minn fejn jgħaddi jżejjen triq."*

Wara xi nofs siegħa ta' briju, bid-daqq tal-banda, il-vara kienet tkompli miexja lejn il-knisja. Bħalma jiġri llum, ma' kull erba' passi r-reffiegħa kienu jistrieħu u ħafna kienu jitħajru jmorru jerfgħu għal xi ħin. Fuq il-bjut ta' ħafna mid-djar kien ikun hemm il-musketterija, u għalhekk l-istorbju, il-ġeġwiġija, l-għajjat tal-qubbajt u l-pastizzi, id-daqq tal-banda u tal-qniepen, rġiel ikantaw l-innijiet, u l-musketterija ma tieqaf xejn. Kien ikun hemm xena unika.

## IL-PURĊISSJONI

Sa xi ftit tas-snin wara l-gwerra, il-purċissjoni kienet ferm iqsar milli hija llum. Malli l-vara kienet toħrog mill-knisja, kienet iddur mill-ewwel għal Triq Sarrija u Triq San Tumas. Jiġifieri l-purċissjoni ma kinetx tersaq lejn Balzunetta. Bħalma diġà għedt, mill-knisja sal-Ark kienet purċissjoni formali, bid-daqq tal-banda u bit-tfigħ tal-karti minn kull gallarija u bejt. F'postijiet miftehma minn qabel, ir-reffiegħa tal-vara kienu jidħlu f'xi ħanut, jew f'xi dar, kemm biex ibillu griżmejhom u wkoll minħabba l-ħtiġijiet tan-natura.



## TĦEJJIJIET FIL-FAMILJI

It-tħejjijiet għall-festa kienu jibdew sa mill-bidu tas-sena. Familji u ħbieb fit-toroq tal-purċissjoni kienu jinġabru ta' kull filgħaxija, iqattgħu l-karti kemm għall-marċi u speċjalment għall-purċissjoni. Ħafna kienu jistampaw fuljetti b'tifħir lil San Publju. Numru ta' familji kienu jħejju kukkardi, dejjem bojod u ħodor, li mbagħad jitpoġġew fuq il-pavri u għal matul ix-xalata. Ħafna kienu jaħdmu kuruni, ta' wħud ferm elaborati. It-tfal u anki l-kbar, kienu draw liema kienu l-aħjar djar għal dawn il-kukkardi u kuruni u fil-marċ, li tassew kien jibda f'nofsinhar eżatt, kienu jmorru minn ta' quddiem ħalli jakkwistaw kemm jifilħu.

Dan kien żmien ferm strett. In-namur kważi ma kienx jeżisti. It-tfajliet dejjem kienu joħorġu

mal-ġenituri jew ma' xi zija, imma fil-folla tal-marċ u tal-purċissjoni diversi żgħażagħ kienu jegħmżu 'l xuxlin, imorru jaqbdu jdejn xi waħda, jitkellmu bis-serqa u b'hekk tibda t-triq għall-għarusija u eventwalment iż-żwieġ. Il-maħbubin dejjem jirnexxilhom isibu mezz ta' kif jiltaqgħu.

### IL-FESTA FIL-FAMILJA

Sa mill-bidu tar-Randan, ħafna kienu dawk li bi tħejjija kienu jbajdu kull rokna tad-dar tagħhom. F'dawk iż-żminijiet it-tibjid kien isir kollu bil-ġir u ż-żebgħa tal-plastik ma kinetx teżisti. Mat-tibjid kienet issir tindifa ġenerali u kull biċċa għamara kienet tiċċaqlaq. Dan kien hemm skop doppju għalih, kemm minħabba t-tberik, għaliex it-tberik kien isir f'kull kamra u rokna u ma kinetx tkun ħaġa xierqa li jkun hemm xi ħmieġ. Imma wkoll kienet il-festa. Għall-festa, min kien ikollu, kien idendel l-isbaħ purtieri, l-aħjar tapiti. Anzi kien hemm min jgħaddi x-xitwa kollha bla ebda tapit biex dak ma jeqdimx ħalli jkun fl-aħjar tiegħu għat-tberik u l-festa.

Nota dwar it-tberik li kien isir aktar fit-tul. It-tberik kien isir mill-Arċipriet biss li kien jgħaddi ċertu ħin jitkellem mal-familja, hekk li wħud kienu anki jżommu l-ħin ta' kemm l-Arċipriet kien idum għand il-familji l-oħrajn

Sa minn ferm kmieni kien ikun hemm ukoll it-tħejjija ta' x'kien sejjer jilbes kull membru tal-familja. Kienet essenzjali li n-nisa u l-bniet iżanżnu l-libsa tal-festa. Għat-tfal dawn kienu lbies bil-frilli u r-rakkmu. B'mod jew ieħor kull familja kienet takkwista xi biċċa drapp biex tħit l-ilbiesi meħtieġa. Kull min kellu xi biċċa deheb, kien jilbes u jiddandan biha. Kull mara dejjem tfittex li tisboq lil xi waħda li kienet tgħir għaliha.

F'jum il-festa kulħadd kien iqum kmieni. L-aktar quddiesa popolari kienet dik tas-sebgħa ta' filgħodu. Issa wieħed irid jiftakar li fiż-żminijiet li qiegħed nitkellem dwarhom, fil-Floriana kienu jgħixu ferm aktar persuni milli jabitaw illum. Kull kantina, kamra, kerrejja, rukkella, kollha kienu mimlijin daqsa bajda. Kien hemm familji ta' xi tmint itfal jew aktar li trabbew u għexu f'kamra waħda jew anki f'kantina. Għalhekk hu meqjus li fil-Furjana kien hemm bejn tmienja u għaxart elef ruħ.

Kull familja kienet tħejji minn kmieni għall-ikla tal-festa. Ikla tipika kienet tikkonsisti f'erba' platti, il-brodu, pjuttost tat-tiġieġ jew ta' xi taqsira jew



ġarretta taċ-ċanga. Wara dan kien ikun hemm l-imqarrun il-forn. Imbagħad il-platt prinċipali, xi tiġieġa jew laħam il-forn b'ħafna patata. U fl-aħħar xi suflè li wkoll kien isir fil-familja. Kien żmien li ma kienx hawn ikliet imħejjija minn xi ħanut. Aktar minn hekk ftit kienu l-familji li setgħu jaffordjaw li jixtru ikel imsajjar lest.

Kważi ħadd ma kellu forn privat, anqas is-sinjuri. Fil-Floriana kien hemm mill-anqas erbat ifran li nhar ta' Ħadd u fil-festi kienu jaħmu d-dixxijiet tal-familji. Biex ilaħħqu ma' dak l-ammont kollu, il-fran kienu jagħmlu xi tlieta jew anki erba' fornati. Kont tara tfal (u kbar) jiġru bid-dixxijiet lejn jew mingħand tal-forn.

### IX-XALATA TAL-GĦADA TAL-FESTA

Ix-xalata tal-għada tal-festa kienet inbdiet mill-Floriana. Kien ferm aktar tard, sew wara l-gwerra, li d-drawwa tax-xalata daħlet ukoll f'parroċċi oħrajn. Niddikjara li l-parroċċi l-oħrajn kollha kienu ikkupjaw lil Floriana u għal ħafna snin ix-xalata kienet issir biss minn tal-Floriana. Dik kellha skop partikolari. Tal-ħwienet, speċjalment dawk tax-xorb, ma kienu jgawdu xejn fil-festa u l-għada kienu jakkwistaw id-divertiment tagħhom. Kwazi kull ħanut kien jibqa' magħluq. Kull familja kien jibqgħalha ħafna ikel mill-ikla tal-festa. U b'hekk kienu jmorru għax-xalata. Fil-bidu kienu jmorru b'xi karettun, kollu mżejjen bil-kuruni u l-kukkardi akkwistati matul il-marċi. Meta daħlu l-karozzi aktar nies kienu jmorru lejn l-Għadira. Minħabba li għax-xalata kien ikun hemm ħafna minn Balzunetta (li dak iż-żmien xejn ma kellha fama tajba), xi familji ma kinux imorru magħhom, imma kienu jinżlu lejn Marsamxett jew imorru lejn il-Buskett. Filgħaxija, meta jkun beda jidlam, kulħadd kien jirritorna mlaħlaħ bl-inbid jew il-birra li jkunu xorbu.

U b'hekk kienet tkun għaddiet festa oħra, sena oħra, u sa mill-ewwel, kulħadd jibda jitkellem għall-festa tas-sena ta' wara.